**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 31 ta' Mejju 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 245/2021 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**C B**
**f'isimha proprju u bħala kuratriċi tal-minuri D B, u**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur,[1] li permezz tiegħu ppremetta:

*Illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti, twieldu erbat itfal jisimhom E B, F B, G B u H B illum maghruf bil-kunjom I;*

[1] Fol. 1.

*Illi l-kontendenti ilhom snin separate de facto u l-intimata C B kellha relazzjoni oħra ma' terza persuna li isem għadu mhux magħruf mill-esponenti, mil-liema relazzjoni twieled G B nhar it-tmintax ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (18/06/2013) u dan kif jirrizulta mill-annes certifikat tat-twelid immarkat Dok. 'A';*

*Illi stante li l-minuri G B jitqies xorta wahda li twieled matul iz-zwieg ta' bejn l-kontendenti huwa gie registrat fir-Registru Pubbliku bhala l-wild naturali ta' A B pero dan mhux minnu;*

*Illi minkejja li l-istess wild twieled fiz-zwieg tal-kontendenti, l-esponenti ghandu dubju serju dwar il-paternita' ta' ibnu li twieled matul iz-zwieg tal-partijiet;*

*Illi kien ghalhekk illi l-esponenti kemm-il darba ikkonfronta lill-intimata martu dwar dan li minn naħa tagħha qatt ma ċaħdet, li l-istess wild mhux il-wild bijoloġiku tiegħu;*

*Illi l-esponenti kien kostrett jipprosegwi bil-kawża odjerna sabiex jirregola l-paternita' ta' tifel G, li eress li twieled matul iż-żwieġ tiegħu mal-intimata C, tniżżel bħala ibnu;*

*Illi għalhekk jeħtieġ illi ijsiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri G, liema ġie reġistrat mill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku;*

*Illi l-esponenti gie debitament awtrizzat minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jipproċedi b'din il-kawża, wara rikors generali bi numru 411/2021 AL, liema rikors gie intavolat bil-visto tal-avukat li qed jippatroċina lill-intimata C B u dan skond digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti (Sezzjoni Familja) datat sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) (kopja hawn anness u mmarkat bħala Dok. B);*

*Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Ghaldaqstant, u in vista ta dak suespost, l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna illi jsiru t-testijiet genetici opportuni fuq l-esponenti A B u l-minuri G B, sabiex jikkonfermaw li t-tifel G B ma humiex wild l-esponenti A B;*

2. *Tiddeciedi u tiddikjara illi l-esponenti mhux il-missier naturali u bijologiku ta' G B li twieled nhar it-tmintax ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (18/06/2013);*

3. *Konsegwentament tordna li jitħassru d-dettalji tal-esponenti mil-kolonna "isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" miċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri G magħruf bil-kunjom B;*

4. *Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel dawk il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-istess ċertifikat tat-twelid tal-minuri G u dan għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi;*

5. *Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, jekk ikun il-każ, jaffettwa l-korrezzjonijiet opportuni f'kull att ieħor relattiv u sussegwenti għall-imsemmi ċertifikat tat-twelid;*

*Salv kull provvediment ieħor li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi u bl-ispejjeż kontra l-intimat, jew min minnhom, li huma minn issa ingunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[2] fejn eċċepixxa:

1. *Illi b'referenza partikolari għall-paternita' in kwistjoni tal-minuri G B, l-esponent mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi stante li din hija kawża ta' denegata paternita', ir-rikorrent jeħtieġlu primarjament jipprova u jissodisfa għallinqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70 subinċiż (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal tali fini, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tistieden*

[2] Fol. 24.

*lill-partijiet kollha konċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 70A subinċiż (2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tiġivverifikata l-allegazzjoni tar-rikorrent li huwa mhux il-missier bijoloġiku ta' G B;*

3. *Illi in oltre, ir-rikorrent irid jegħleb il-preżunzjoni legali maħluq tramite l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċiment juri li l-pussess ta' stat tal-minuri G B ma jaqbilx mal-Att tat-Twelid tiegħu ennumerat 3624/2013;*

4. *Illi l-esponent huwa tal-umli fehma illi jkun fl-aħjar interess tal-minuri G illi jkun jaf min hu l-missier naturali tiegħu u għalhekk ikun ta' benefiċċju u xieraq ili l-intimata C B tispeċifika min hu l-missier naturali tal-minuri sabiex b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-proċeduri istanti;*

5. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri;*

6. *Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, huwa importanti li l-kliem 'the said' li jinsab qabel isem A B, senjatament fil-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikat it-tagħrif dwar l-omm, kif ukoll il-partikolaritajiet l-oħrajn kollha tal-missier, għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid tal-minuri G, ennumerat 3624/2013, kopja ta liema tinsab annessa mar-rikors ġuramentat promotur intavolat mir-rikorrent u mmarkata Dok. 'A';*

7. *Illi fir-rigward tal-ħames talba attriċi, l-esponent jissottometti illi f'każ li jkunu meħtieġa korrezzjonijiet f'atti tal-istat ċivili oħrajn, dawn l-atti jridu jiġu ndikati mir-rikorrent bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għalhekk, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrent, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrent għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;*

8. *Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli*

*għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponenti u għalhekk huwa m'għandux jii assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa jiġi nġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat illi l-konvenuta ġiet debitament notifikata bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ nhar it-30 ta' Novembru 2021,[3] madanakollu mill-atti jirriżulta li din naqset milli tippreżenta risposta ġuramentata entro t-terminu stabbilit fil-liġi. Fil-fatt fis-seduta tat-22 ta' Frar 2022, il-konvenuta ġiet iddikjarata li tinsab fi stat ta' kontumaċja;[4]

Rat l-Att tat-Twelid tal-minuri G B bin-numru progressiv 3624 tas-sena 2013;[5]

Rat l-affidavit ta' Dr Marisa Cassar,[6] debitament maħluf u ppreżentat nhar is-27 ta' Jannar 2022, fejn tikkonferma li l-missier naturali ta' G B huwa J K L detentur tal-passaport bin-numru 281383;

Rat id-digriet tal-Qorti tas-17 ta' Mejju 2022 mogħti ai termini tal-Artikolu 732A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-Qorti ssollevat *ex officio* l-eċċezzjoni tan-nullita' tal-azzjoni stante li mill-atti li kellha quddiemha l-Qorti l-attur naqas milli qabel ma ntavola l-kawża ottjena l-awtorizzazzjoni rikjesta ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili;

Rat in-nota tal-attur tal-24 ta' Mejju 2022 u dan fid-dawl tal-eċċezzjoni sollevata *ex officio*;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[7]

[3] Fol. 13a.
[4] Fol. 22.
[5] Fol. 5.
[6] Fol. 19.
[7] Fol. 22.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mir-rikorrent għaċ-ċaħda tal-paternita' tiegħu versu l-minuri G B. Ir-rikorrent jikkontendi li żżewweġ lil C Barbar, minn liema żwieġ twieldu erbat (4) itfal. Madanakollu jikkontendi li l-partijiet ilhom *de facto* separati minn xulxin għal żmien twil. L-attur jgħid li wara li konsegwentament, il-konvenuta kellha relazzjoni ma' terza persuna li miegħu kellha lil G B nhar it-18 ta' Ġunju 2013. Għaldaqstant huwa jirrileva illi minkejja li l-minuri G B twieled waqt li kien għadu legalment mizzewweġ lil konvenuta, huwa m'huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tiegħu.

Fid-dawl tal-premess, permezz tal-azzjoni odjerna, l-attur A B qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-imsemmija G B u konsegwentament tgħaddi sabiex tawtorizza l-korrezzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid tiegħu billi l-konnotati tar-rikorrenti jiġu kkanċellati minn fuq l-istess Att tat-Twelid.

**2. Eċċezzjoni Preliminari:**

In vista li l-azzjoni odjerna hija waħda ta' *denagata' paternita'* intavolata ai termini tal-Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-atti, nhar is-17 ta' Mejju 2022 hija tat provvediment ai termini tal-Artikolu 732A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn issollevat is-segwenti eċċezzjoni ex officio: *"Jekk l-azzjoni istanti kif intavolata mill-attur hijiex ai termini tal-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta irritwali u nulla stante li l-attur naqas milli, qabel ma itavola l-kawża ottjena l-awtorizzazzjoni rikjesta ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta?"*.

Għal tali provvediment, l-attur ippreżenta nota permezz ta' liema ippreżenta:

i. Kopja ta' rikors ġenerali datat 15 ta' Settembru 2021 fejn talab sabiex *"ai termini tal-artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli*

*Qorti joghgobha tawtorizzah jipprosegwi bir-rikors guramentat ghad-dengata' paternita' ta' G maghruf bil-kunjom B, u dan salv kull provvediment iehor li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi"*, u

ii. Kopja tad-digriet datat 17 ta' Settembru 2021 fejn il-Qorti laqgħat it-talba u awtorizzat lill-attur sabiex jipprosegwi bil-kawża odjerna għal *denegata' paternita'*.

Fid-dawl tal-provi mresqa, jidher ċar li l-attur segwa l-proċeduri odjerni u intavola l-azzjoni skont id-disposizzjoni tal-liġi. Għaldaqstant, il-Qorti qed tirrespnġi l-eċċezzjoni tan-nullita' kif sollevata minnha stess permezz ta' digriet datat 17 ta' Mejju 2022.

## 3. Il-Prinċipji Legali:

In tema legali jingħad illi l-Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li fuqu hija bbażata din il-kawża jipprovdi illi <u>r-raġel jista' jiċħad li jagħraf it-tifel imnissel matul iż-żwieġ</u>:

*"(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-wild, hu kien fl-impossibbiltà fiżika li jgħammar mal-konjuġi li wiled minħabba li kien 'il bogħod mill-imsemmi konjuġi, jew minħabba xi aċċident ieħor; jew*

*(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment separat mill-konjuġi li wiled: Iżda ma jistax jiċħad lill-wild jekk matul dak iż-żmien ikun reġa' ngħaqad mal-konjuġi tiegħu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(ċ) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet waħda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew*

*(e) jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur".*

Illi l-artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, surreferit, għandu jinqara konteswalment ma' l-artikolu 73 tal-istess Kodiċi li jelenka l-perjodu li fih dak il-konjuġi jista' jipprosegwi sabiex jagħmel azzjoni ta' *denegata paternita'*, u ċjoe':

*"(a) fi żmien sitt xhur mit-twelid, jekk il-konjuġi f'dak iż-żmien kien jinsab f'Malta;*

*(b) fi żmien sitt xhur minn dakinhar li jiġi lura f'Malta, jekk fiż-żmien tat-twelid il-konjuġi kien nieqes minn Malta;*

*(ċ) fi żmien sitt xhur minn dakinhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien ġie lilu moħbi".*

Madanakollu, f'każ li dak il-konjuġi li ma jkunx ipprosegwa bl-azzjoni ta' *denegata paternita'* entro ż-żmien stipulat, ai termini tal-*proviso* tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili, dak il-konjuġi għandu l-fakolta' li jipprezenta rikors quddiem il-Qorti kompetenti fejn jitlobha l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex ikun jista' jipprosegwi bil-kawża. Dik il-Qorti kkonċernata, jekk ikun possibbli, għandha tisma' lil partijiet interessati u konsegwentament tgħaddi sabiex tqis id-drittijiet tal-applikant u l-wild. Wara li jsir dan l-ezerċizzju, l-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex dak il-konjuġi jkun jista' jintavola l-azzjoni ta' *denegata paternita'*.

Dak il-konjuġi li jkollu interess jintavola azzjoni ta' *denegata paternita'*, konsegwentament għandu, abbażi tal-Artikolu 75 subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili, jimxi legalment kontra: *"(a) kontra t-tifel jekk ikun tal-età; jew (b) jekk ma jkunx tal-età jew għal raġuni oħra ma jkunx tajjeb biex joqgħod f'kawża, kontra kuratur maħtur mill-qorti li quddiemha tinġieb il-kawża: Iżda l-qorti tista' taħtar it-tutur li t-tifel ġa jkollu"*. Madanakollu, subinċiż 2 tal-istess artikolu tal-liġi, jkompli jgħid illi f'kull każ, il-konjuġi l-ieħor għandu jiġi msejjaħ fil-kawża.

F'tali azzjoni, ma jistgħax jonqos li ssir referenza għall-Artikolu 70A subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi:

*"Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild: (a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li welled u lill-wild; (b) il-konjuġi li willed jista'*

*jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild; (ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġi u lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."*

## 4. L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:

It-talba tal-attur A B hekk imsejsa fuq l-Artikolu 70 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, hija azzjoni fejn l-attur qiegħed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni ġudizzjali ta' *denagata paternita'*, ċjoe' li l-minuri G B ma huwiex ibnu hekk kif ġie mniżżel fl-Att tat-Twelid tiegħu, iżda huwa l-iben terza persuna.

Għal tali talba, l-konvenuta C B, f'isimha proprju u kif ukoll in rappreżentanza tal-minuri G B, għażlet li ma tirrispondix għat-talba tal-attur u dan minkejja li ġiet debitament notifikata skont il-liġi. Għaldaqstant hija tinsab fi stat ta' kontumaċja.

Min-naħa l-oħra, l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fir-risposta ġuramentata tiegħu jeċċepixxi numru ta' eċċezzjonijiet. Fir-rigward tal-ewwel (1) u t-tieni (2) eċċezzjoni, dawn ġew sorvolati u dan in vista tal-affidavit ta' Dr Marisa Cassar ġuramentat u ppreżentat nhar is-27 ta' Jannar 2022,[8] fejn ikkonfermat illi wara li Dr Mario Scerri għaddielha l-kampjuni orali ta' C M, detentriċi tal-karta tal-identita' X), ta' G B, detentur tal-karta tal-identita' 362413L, u ta' J K L, detentur tal-passaport numru 281383, irriżulta illi J K L huwa l-missier naturali ta' G B. Għalhekk u b'mod awtomatiku minn tali prova ġie kkonfermat illi l-attur ma huwiex il-missier naturali tal-minuri.

Kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza nostrana f'kawżi ta' din ix-xorta dejjem irritenew illi *"Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 70 fuq citat tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti: 1. L-azzjoni promossa mir-ragel tigi istitwita kontra (a) il-mara tieghu (b) u l-wild taghha jew kuratur nominat. 2. Fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jinkixef il-qerq. 3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw*

[8] Fol. 19.

*lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel."* (ara s-sentenza fl-ismijiet **Simon Agius vs Jacqueline Agius pro et noe**, deċiza nhar il-20 ta' Marzu 2013 mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja, u **Bogdan Tomenchuk vs Daniela Tomechuk et**, deċiża nhar it-12 ta' Diċembru 2019 mill-Qorti tal-Familja, Sezzjoni Familja). Applikati dawk ir-rekwiziti għal kawża odjerna, huwa stat ta' fatt li t-tlett rekwiziti ġew kollha sodisfatti. Għaldaqstant ma jeżisti l-ebda dubju li l-attur A B ma huwiex il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri G B. In vista ta' dan, il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it-talbiet tal-attur.

B'referenza għat-tielet (3) eċċezzjoni tad-Direttur konvenut li titkellem dwar il-pussess ta' stat tal-minuri G B ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jingħad illi *"huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipproteġi l-istat ta' legittima tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben l-istess konjugi"*.[9] Din il-Qorti tirrileva illi l-azzjoni ta' *denagata paternita'* ittentata mill-attur hija waħda minn ħames (5) azzjonijiet permessibbli ai termini tal-liġi u ċjoe' sabiex tiġi attakkata l-paternita' tal-ulied, liema azzjonijiet huma s-segwenti:

i. Ai termini tal-Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-konjuġi li ma wellidx,
ii. Ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni tista' ssir minn min ikollu interess,
iii. Ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-allegat missier,
iv. Ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-omm, u
v. Ai termini tal-Artikolu 84 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-iben innifsu.

A kuntrarju tal-azzjonijiet elenkati f'Artikoli 77 u 77A, dawk l-azzjonijiet imsemmija f'Artikoli 70, 77B u 84 tal-Kodiċi Ċivili, ma humiex subordinati għall-Artikolu 81 li jitratta l-kwistjoni tal-pussess ta' stat. Għaldaqstant, mingħajr ma din il-Qorti tidħol fil-mertu tal-presunzjoni legali tal-pussess ta' stat maħluqa

[9] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Carmel sive Charles Gauci vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et**, deċiza nhar it-30 ta' Ġunju 2004.

permezz tal-Artikolu 81 tal-Kodiċi Ċivili u r-relevanza tal-istess fil-prezent, din il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, liema artikolu tal-liġi ma huwiex subordinat għall-Artikolu 81, ma hemmx l-obbligu u n-neċċessita' li l-Qorti tevalwa u tikkumenta dwar tali kwistjoni. Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti tiċħad it-tielet (3) eċċezzjoni tad-Direttur konvenut.

Fir-rigward tar-raba' (4) eċċezzjoni tad-Direttur konvenut li titratta l-kwistjoni li jkun fl-aħjar interess tal-minuri li jkun jaf min hu missieru u li dan jiġi msejjaħ fil-kawża odjerna, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Joseph Scicluna vs Elena Bianca Scicluna et**,[10] fejn ġie ribadt:

*"Fi kwalukwe każ, il-Qorti dejjem kienet tal-fehma illi sija l-attur u wkoll il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandhom l-ebda interess ġuridiku sabiex jitolbu lill-Qorti tiddikjara min hu l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri;*

*Il-Qorti tirrileva li qua żewġ l-omm, l-unika azzjoni spettanti lill-attur hija dik ta' denegata paternita` illi permezz tagħha huwa jċaħħad lill-minuri mill-paternita` tiegħu. M'għandux il-fakolta` li jitlob li l-missier naturali jiġi hekk dikjarat. Dik l-azzjoni tispetta jew lill-ġenitur naturali ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, jew lill-ġenitur li willed ai termini tal-Artikolu 77B tal-istess Kodiċi jew lill-wild innifsu ai termini tas-Subtitolu II tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti qiegħda hawnhekk issegwi l-insenjament tagħha stess f'diversi kawżi fosthom fil-kawża fl-ismijiet **Pierre Galea vs. Antoinette Galea et,**[11] fil-kawża fl-ismijiet **Jesmond A Cini vs. Marthese Cini et**[12] u fil-kawża fl-ismijiet **Marco Magro vs. Maria Magro Sacco**.[13]*

*Illi minkejja li sija l-Qrati, fil-ġurisprudenza tagħna, u wkoll il-leġislatur jirreżistu li jbiddlu l-istat tal-ulied imnissla u mwielda fiż-żwieġ, il-Qorti, f'dan il-każ, m'għandhiex il-fakolta` li takkolji t-tielet u r-raba' talbiet attriċi. Fl-ewwel lok, stante li l-attur m'għandux l-interess ġuridiku illi jagħmel l-istess talba. Fit-*

[10] Deċiża minn din il-Qorti, kif preseduta, nhar l-14 ta' Jannar 2019, (Rikors Ġuramentat Numru 239/2016 AL), mhux appellata.
[11] Deċiża fis-7 ta' Diċembru 2016 (Rikors Ġuramentat Numru 244/15AL);
[12] Deċiża fit-8 ta' Frar 2017 (Rikors Ġuramentat Numru 228/13AL);
[13] Deċiża fl-4 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat Numru 94/13AL);

*tieni lok, stante n-nuqqas ta' provi sodisfaċenti li l-kjamat in kawża jista' jkun il-missier bijoloġiku tal-istess minuri.*

*Illi fil-każ odjern, kemm l-omm, kif ukoll l-allegat missier naturali, li huma t-tnejn parti f'din il-kawża, bl-ebda mod ma ntavolaw talba kif tispeċifika l-liġi (ossia talba rikonvenzjonali qua konvenuti), sabiex oltre li l-minuri jiġi mċaħħad mill-paternita' tal-attur, jiġi vestit ukoll bil-paternita' tal-kjamat fil-kawża Z, billi dan jiġi ddikjarat li huwa il-missier naturali tal-minuri u jitniżżlu l-konnotati tiegħu fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri.*

*Illi l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jissottometti illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tista' tiddikjara min huwa l-missier naturali tal-minuri. L-imsemmi Artikolu 149 jistipula:*

*149. B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel.*

*Il-Qorti ma taqbilx illi l-artikolu ċċitat jista' japplika u jkollu rilevanza għall-każ odjern, u dana stante illi l-artikolu jifforma parti mil-liġi li titratta s-setgħat tal-ġenituri u mhux il-filjazzjoni tal-ulied. Fil-fatt l-artikolu jagħmel parti mis-Sub-titolu I tal-Titolu 4 li huwa ntestat "Fuq L-Effetti Tas-Setgħa Tal-Ġenituri Fuq l-Ulied Taħt L-Età". Ma tarax kif l-imsemmi artikolu li jitratta ssetgħa tal-ġenituri jista' jagħti s-setgħa lill-Qorti li f'kawża bħal din ta' denegata paternita`, tiddikjara min hu l-missier naturali tal-persuna mertu tal-kawża, fin-nuqqas ta' kontro-talba f'dan irrigward mill-omm u/jew mill-missier bijoloġiku.*

*Illi fiċ-ċirkostanzi u wkoll fid-dawl ta' dan in-nuqqas proċedurali, il-Qorti m'għandhiex għażla għajr li tiċħad it-talbiet tal-attur relattivi għall-filjazzjoni tal-minuri u l-eċċezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku f'dan is-sens, u li f'dan l-istadju tordna li l-minuri L jkun iddikjarat bħala iben "missier mhux magħruf", filwaqt illi tissolleċita lill-omm ossia lill-konvenuta C D B sabiex tagħmel dak li huwa meħtieġ biex l-identita` tal-missier naturali tkun ikkonfermata, u l-istess ikun rifless fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-istess minuri".*

Il-Qorti taddotta l-insenjament surreferit għall-każ odjern, u b'hekk tgħaddi sabiex tiċħad it-talba tal-konvenut Direttur.

Fir-rigward tal-kunjom li għandu jassumi l-minuri G B u dan skont l-il-ħames (5) eċċezzjoni tad-Direttur konvenut, din il-Qorti tirrileva illi mill-atti tal-kawża odjerna ma huwiex magħruf jekk fil-preżent il-partijiet għadhomx isseparati *de facto* jew inkella humiex *ormai* sseparati *de jure*. Pero' fi kwalunkwe każ' jidher li il-konvenuta għadha tuza l-kunjom *'B'* u mhux dak ta' xbubitha *'Elbadr'*. Għaldaqstant, din il-Qorti minkejja li għandha l-fakolta' li abbażi tas-subinċiż 8 tal-Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili *"tibdel il-kunjom tal-wild u tad-dixxendenti tiegħu sabiex jirrifletti dak il-kunjom tal-konjuġi l-ieħor biss",* fiċ-ċirkostanzi l-Qorti temmen li jkun idoneju li l-minuri jibqa' bil-kunjom *'B'* u dan sabiex tissalvagwardja l-interessi tiegħu stess bl-intiża li l-kunjom tal-minuri ikun konformi ma' dak tal-konvenuta C B.

B'referenza partikolari għall-eċċezzjoni numru sebgħa' (7) tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, jidher li din ġiet sorvolata ukoll hekk kif l-attur fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2022 iddikjara illi ma hemm l-ebda att iehor li jrid jiġi korrett mid-Direttur konvenut għajr għal dak tat-twelid.[14]

**DEĊIDE:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet kollha sollevati, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba hekk kif din ormai ġiet sorvolata fil-mori tal-kawża;

2. Tilqa' it-tieni talba tal-attur u tiddikjara li l-attur ma huwiex il-missier naturali u bijoloġiku ta' G B li twieled nhar it-18 ta' Ġunju 2013;

3. Tilqa' it-tielet u r-raba' talba tal-attur u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa dawk il-korrezzjoni neċessarji fl-Att tat-Twelid ta' G B, liema Att tat-Twelid għandu n-numru 3624 tas-sena 2013; tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iniżżel annotazzjoni fl-imsemmi

[14] Fol. 22.

Att tat-Twelid ta’G B, sabiex jistabbilixxi illi l-minuri għandu jibqa’ magħrufa bil-kunjom *‘B’*;

4. Tiċħad il-ħames talba tal-attur.

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża odjerna għandhom ikunu sapportati mill-konvenuta C B.